MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 10/2010

**Guza, Frans u Nina ahwa Gauci**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet**

Permezz ta’ rikors prezentat fit-12 ta’ Frar 2010, ir-rikorrenti ppremettew:-

*1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-plot fi Triq G.M. Callus, Zurrieq tal-kejl ta’ circa mitejn hamsa u tmenin metru kwadru [285m.k.] liema art hija mmarkata bl-ahmar fil-pjanta hawn anness bhala dokument ‘A’;*

*2. U billi din il-proprjeta’ giet esproprijata mill-Gvern fis-sena 1973 permezz ta’ dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali mahruga fil-Gazzetta tal-Gvern fit-28 ta’ Dicembru 1973, il-file ta’ liema jgib in-numru 1549/73/l;*

*3. U billi minkejja li l-intimati hadu pussess ta’ l-istess art u ghadhom hekk fil-pussess sallum, fil-fatt ma ghamlu l-ebda uzu minn dina l-art, u ghalhekk huwa evidenti li ma hemm l-ebda htiega pubblika ghaliha minkejja d-dikjarazzjoni fuq imsemmija;*

*4. U billi minkejja li l-Kummissarju tal-Artijiet kif ukoll il-Kunsill Lokali taz-Zurrieq gew mitluba sabiex jirrilaxxaw din il-proprjeta’ lura f’idejn il-mittenti, permezz ta’ ittra datata 24 ta’ Novembru 2009, hawn ezebita bhala dokument ‘B’ huma wiegbu biss li ser jirreferu l-kwistjoni lid-Dipartiment tax-Xogholijiet minghajr ma kkommettew ruhhom;*

*5. U billi sallum ir-rikorrenti ghadhom ma inghataw l-ebda kumpens ghal dina l-art;*

*6. U billi ufficjali tal-Kunsill taz-Zurrieq informaw lir-rikorrenti li ma kellhomx bzonn dina l-bicca art u ma kien hemm l-ebda progett biex tintuza;*

*7. U billi ghalhekk bl-esproprju fuq espost gew vjolati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kemm kif protetti taht tal-ewwel artikolu tal-ewwel protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll kif protetti taht l-artiklu 37(1) tal-Kostituzzjoni;*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li l-fatti fuq esposti jammontaw ghal vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-artiklu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u kif ukoll l-ewwel artiklu ta’ l-ewwel protocol tal-Konvenzjoni Ewropea;*

2. *U tipprovdi ghalhekk ghal rimedju xieraq ghal tali vjolazzjoni nkluz li tordna lill-intimati jew min minnhom jirrilaxxaw il-proprjeta lura lill-esponenti fi zmien qasir u perentorju li tigi ffisata minn dina l-Onorabbli Qorti u kif ukoll tordna lill-intimati jhallsu kumpens xieraq ghad-danni sofferti minn tali vjolazzjoni.*

Permezz ta' twegiba prezentata fit-12 ta' Marzu 2010 (fol. 10) l-intimata wiegbet:-

*Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qeghdin jallegaw illi art fiz-Zurrieq allegatament proprjeta' ta' l-istess rikorrenti, giet esproprijata permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali fis-sena 1973 u li ghalkemm allegatament l-intimat ha pussess ta' l-istess art dina l-art ghadha ma ntuzatx u lanqas ma gew ikkumpensati r-rikorrenti ghal tali espropriju. Allegatament dan sar in vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti hekk kif protetti permezz ta' l-Artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti u jissottometti li dawn huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

*1. Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti jridu jgibu prova tat-titolu li qeghdin jivvantaw fuq il-proprjeta';*

*2. Illi in linea preliminari, l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) in kwantu r-rikorrenti qeghdin jitolbu danni ghal aktar minn sentejn;*

*3. In linea preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxi n-nullita' tar-rikors promotur stante l-konfuzjoni fl-indikazzjoni ta' l-art mertu tal-kawza li fir-rikors hija deskritta bhala art li qeghdha fi Triq CM Callus, Zurrieq filwaqt illi fil-pjanta annessa hija indikata bhala art fi Triq Fra Giammari Zammit, Zurrieq;*

*4. Illi in linea preliminari wkoll, dak kollu li jitwettaq skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta) huwa salvagwardjat bl-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti bl-ebda mod ma tista' titqies li tmur kontra l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;*

*5. Illi in linea preliminari wkoll in kwantu t-talba tar-rikorrenti hija talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tezamina l-iskop ta' l-esproprjazzjoni u in kwantu qed jintalab kumpens, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tisma' dina l-kawza ai termini ta' l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u tal-proviso ta' l-Artikolu 4 (2) tal-Konvenzjoni Ewropeja:*

*a. L-esponenti jissottometti li r-rikorrenti qatt ma jidhru li ghamlu xi sforzi matul dawn l-ahhar sebgha u tletin sena biex jinbdew il-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet u dan meta kellhom rimedji ordinarji xierqa ghal-lanjanzi taghhom fosthom kawza ai termini ta' l-Artikolu 1077 u 1078 (b) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex il-Qorti tiffissa terminu perentorju fuq l-esponenti sabiex jagixxi. Certament dan huwa rimedju ordinarju effettiv ghal-lanjanza tar-rikorrenti;*

*b. Ir-rikorrenti qatt ma ressqu lejn id-Dipartiment sabiex jaghmlu l-prova tat-titolu taghhom sabiex ikunu jistghu jinbdew il-proceduri ghall-hlas;*

*c. Illi l-proceduri kostituzzjonali huma proceduri ta' natura straordinarja u certament mhumiex intizi sabiex jintuzaw bhala rifugju ghal min ma ezercitax id-dritt li kellu fit-terminu ta' preskrizzjoni sabiex igib azzjoni civili.*

*6. Illi fil-mertu, l-esponenti jissottometti illi partijiet mill-artijiet illi gew esproprijati permezz tad-Dikjarazzjoni tal-1973 gew rilaxxati filwaqt li uhud gew uzati ghall-formazzjoni tat-toroq;*

*7. Illi ciononostante, il-fatt fih innifsu li l-Gvern ikun ghadu ma wettaqx il-progett pubbliku ppjanat ma jfissirx fih innifsu li b'daqshekk l-esproprjazzjoni jew ma kellhiex, jew m'ghandhiex, skop pubbliku. Ifisser biss illi dan il-progett mahsub ghadu ma twettaqx u dan wiehed jista' jifhmu wkoll peress illi l-progetti pubblici jitwettqu fuq medda ta' zmien u jipprovdu ghal zvilupp future;*

*8. Illi jinghad ukoll li l-iskop ewlieni wara dan l-esproprju kien biex jinfethu toroq pubblici. Ghalhekk certament li jissussisti skop pubbliku li jiggustifika l-esproprjazzjoni;*

*9. Illi 'skop pubbliku' hu mifhum f'termini wiesgha kemm fid-definizzjonijiet li jidhru fil-Kap. 88 kif ukoll fl-interpretazzjoni tal-kelma moghtija mill-Qorti Ewropeja;*

*10. Isegwi ghalhekk illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti;*

Il-kawza titratta dwar porzjon art li r-rikorrenti qalu li fiha kejl ta’ 285 metri kwadri li qeghda fi Triq G.M. Callus, Zurrieq li kienet giet espropríjata mill-Gvern fis-snin sebghin permezz ta’ dikjarazzjoni tal-Gvernatur pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-21 ta’ Awissu 1970 (fol. 112-113). Jirrizulta li fil-mori tal-proceduri l-art giet rilaxxata (ara avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern a fol. 84). L-art meritu ta’ din il-kawza hi dik li fil-pjanta a fol. 83 hi delineata bl-ahmar. Waqt is-seduta tat-23 ta’ Jannar 2012 id-difensur tar-rikorrenti ddikjara li ***".... f’dan l-istadju ghad ghandhom interess fit-tieni talba, cioe’ hlas ta’ kumpens xieraq"*** (fol. 85).

Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu:-

1. Dikjarazzjoni li nkiser d-dritt fundamentali protett mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.
2. Rimedju xieraq ghal vjolazzjoni inkluz hlas ta’ kumpens xieraq ghad-danni sofferti.

**<u>Nullita’ tar-rikors</u>**.

Ecccezzjoni li hi ghal kollox infondata u ma kienx hemm bzonn li tinghata. Hu evidenti li flimkien mar-rikors promotur ir-rikorrenti pprezentaw pjanta li m’ghandha x’taqsam xejn mal-art in kwistjoni. B’daqshekk ma jfissirx li r-rikors hu null.

**<u>Prova tat-titolu</u>**.

Ir-rikorrent xehed dwar kif l-art in kwistjoni giet ghand ir-rikorrenti (ara affidavit a fol. 39). Ipprezenta wkoll il-kuntratt ta’ akkwist tat-30 ta’ Lulju 1955 pubblikat min-nutar G. Caruana li bih akkwista missieru (fol. 16), flimkien ma’ kuntratt ta’ qasma tad-9 ta’ Gunju 1991 fejn l-art giet assenjata lir-rikorrenti (fol. 23)[1]. Ir-rikorrent qal:

*"Nispjega li din l-art giet ghandna wara li qsamna l-wirt ta’ missierna permezz ta’ att pubbliku datat 9 ta’ Gunju 1991 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja, u l-parti diviza li indikjat kienet messet lilna. Missieri kien akkwista l-proprjeta permezz ta’ kuntratt datat it-30 ta’ Lulju 1955 fl-atti tan-nutar Giovanni Caruana….".*

[1] Ara dik il-parti tal-kuntratt intestata Tieni Porzjon.

Provi li ma gewx kontradetti.

**Rimedji ordinarji**.

Hu fatt li r-rikorrenti setghu ppproponew proceduri gudizzjarji sabiex il-Gvern ikompli l-process biex l-esproprijazzjoni tigi finalizzata. 'Il fatt li m'ghamlu xejn ma jfissirx li ppregudikaw il-posizjoni taghhom. Il-Gvern ghandu d-dover li jiffinalizza bla dewmien process mibdi ta' esproprijazzjoni minghajr il-htiega li s-sid joqghod jaghmel kawza biex jiehu dak li ghandu dritt ghalih bil-ligi. F'dan ir-rigward il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kaz **Cachia vs Avukat Generali et** (28 ta' Dicembru 2001), osservat:-

*"Wiehed ghandu jifhem li meta kienet originarjament promulgata l-Ordinanza dwar it-tehid ta' l-art ghal skop pubbliku tramite il-procedura ta' esproprijazzjoni, il-legislatur kien mhux biss haseb ghat-tehid immedjat tal-pussess u d-disponibilita' tal-proprjeta' biex tigi utilizzata ghall-iskop li ghalih tkun giet esproprijata, imma wkoll* ***ghall-process spedit ta' likwidazzjoni ta' kumpens dovut anke bit-twaqqif ta' Tribunal kwazi gudizzjarju b'kompetenza teknika in materja****".*

Sahansitra fl-24 ta' Novembru 2009 ir-rikorrenti pprezentaw ittra ufficjali kontra l-intimat u l-Kunsill Lokali taz-Zurrieq (fol. 4) fejn ilmentaw li kienu ghadhom ma rcevewx kumpens xieraq u wkoll li ma kien ghadu sar l-ebda uzu mill-art. Ghalhekk interpellaw lill-intimat sabiex jirrilaxxa l-art. Minflok l-intimat kompla jkaxkar saqajh u kien biss fil-mori ta' din il-kawza li jidher li ntebah li kien qieghed jostakola lis-sidien fit-tgawdija pacifika ta' hwejjighom u ha hsieb li l-ordni ta' esproprijazzjoni tithassar in kwantu tolqot l-art meritu ta' dawn il-proceduri.

Inoltre l-ilment tal-atturi jitratta dwar il-lezjoni tad-dritt fundamentali kif protett fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Ilment li jista' jigi rimedjat f'proceduri bhal dawk li ppproponew ir-rikorrenti. Dan apparti li, *"…. Minkejja li jista' jkun minnu li l-parti rikorrenti seta' kellha ghad-disposizzjoni taghha rimedju ordinarju, din il-Qorti xorta wahda jibqghalha dejjem id-diskrezzjoni li taghzel li tibqa' tisma' l-kawza. L-ezistenza ta' rimedju ordinarju ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma' kawza kostituzzjonali mressqa quddiemha".*

**Preskrizzjoni**.

It-talba ghall-hlas ta' kumpens xieraq m'hijiex bazata fuq il-provvedimenti ta' delitt jew kwazi-delitt. Il-kumpens li qieghed jintalab huwa talli gie lez id-dritt fundamentali tar-

rikorrenti ghat-tgawdija pacifika ta' hwejjighom. Ghalhekk l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili ma japplikax.

**Meritu**.

Jirrizulta li mid-data tal-esproprijazzjoni l-Gvern qatt ma ghamel uzu mill-art oggett tal-proceduri. Ir-rikorrent Frans Gauci xehed:-

*"Meta l-Gvern esproprija l-art li kienet dak iz-zmien ta' missieri, naf li kienu qalulu li fuq dik l-art kienet ser tinfetah triq u jinbena civic centre, jew xi zvilupp iehor ghall-uzu tal-komunita. Naf li fil-fatt f'dawk iz-zmenijiet it-triq infethet fuq parti minn din l-art, u naf ukoll li ghalkemm qatt ma nghatajna kumpens ghal fatt li nfethet triq fuq l-art taghna kien hemm ohrajn li nghataw dan il-kumpens.*

*Wara li nfethet it-triq ahna, u cioe' missieri u l-familja tieghu (inkluz jiena) tlifna l-pussess ta' l-art u konna qeghdin nistennew li l-art tigi zviluppata kif kienu qalulna u nithallsu kumpens. Izda fil-fatt qatt ma sar xejn, l-art dejjem baqghet vojta, mitluqa u mhux uzata"* (affidavit FG1 fol. 39).

F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-

i. L-ilment tar-rikorrenti, kif spjegat fir-rikors promotur, jitratta dwar l-art li sal-lum ghadha ghalqa. Dik il-parti tal-art li fuqha nfethet triq m'hijiex meritu tal-kawza;
ii. M'hemmx prova li l-Gvern ha l-pussess fiziku tal-porzjon art meritu ta' dawn il-proceduri[2]. Fil-fehma tal-qorti ma kien hemm xejn li qieghed izomm lir-rikorrenti milli jaghmlu uzu mill-art in kwistjoni. Il-qorti hi tal-fehma li bl-ordni ta' espropriju r-rikorrenti ma tilfux l-access ghal gewwa l-art oggett ta' dan il-kaz.

Ir-rikorrenti nkarigaw perit *ex parte*, il-perit Ludovico Micallef, biex jaghmel stima tal-valur lokatizju tar-raba'. Il-perit Micallef ghamel stima ta' €21,137.61 ghall-perjodu bejn is-snin 1970-2011 (fol. 114-116). Fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2012 gie verbalizzat:

[2] Margaret Falzon, ufficjal tad-Dipartiment tal-Artijiet qalet: *"Jiena nikkonferma illi din l-art kienet giet esproprijata fil-21 ta' Awissu 1970 u minn dakinhar ma jirrizultax li sar xi uzu minn din l-art"* (fol. 76).

*"Il-partijiet qeghdin jaqblu li jinhatar perit tekniku sabiex jaghti opinjoni dwar il-valur lokatizju tal-art meritu ta' din il-kawza ghas-snin 1973 sal-2011 u pproponew li jigi nkarigat il-perit Mario Cassar"* (fol. 91).

Il-qorti laqghet it-talba. Il-perit tekniku rrelata li l-valur lokatizju tal-art ghall-pejodu bejn is-snin 1970 sal-2011 kien ta' **€26,508** (fol. 158).

M'hemmx kontestazzjoni li l-proprjeta' tal-art in kwistjoni qatt ma giet trasferita lill-Gvern u ghalhekk baqghet proprjeta' tas-sidien. Ghalhekk dan m'huwiex kaz fejn ir-rikorrenti gew imcahhdin mill-proprjeta taghhom.

Skond l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:

*"Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of law".*

Fil-kaz **Sporrong and Lonnnroth v Sweden** il-Qorti osservat:

*"[This provision] comprises three distinct rules. The first rule, which is of a general nature enounces the principle of peaceful enjoyment of property; it is set out in the first sentence of the first paragraph. The second rule covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; it appears in the second sentence of the same paragraph. The third rule recognizes that the [contracting] states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest, by enforcing such laws as they deem necessary for the purpose; it is contained in the second paragraph".*

Id-dritt ta' tgawdija pacifika tal-proprjeta:-

*"….. is not only a statement of principle. It also provides a third, separate basis for regulating interferences with the peaceful enjoyment of possessions that do not qualify as a deprivation of a person's possessions subject to Article 1/1/2 or a control of the use of property subject to Article 1/2. For example in the Sporrong and Lonnroth case itself, the Court found that the grant of expropriation permits, which did not fall within Article 1/1/2 or 1/2, was subject to control under Article 1/1/1 as an* ***interference with the peaceful***

***enjoyment of the houses concerned**. The Court said that an analysis of the nature of an interference requires a consideration of the first sentence only after it is determined that the second and third sentences do not apply"*[3].

Rilevanti wkoll li:-

*"The specific right protected by Article 1 of the First Protocol is the right to the peaceful enjoyment of possessions: **<u>the right to have, to use, to repair, to dispose of, to pledge, to lend, even to destroy one's possessions</u>**. Moreover, it includes the possibility to exercise those rights. As the Court said in the Marckx case, Article 1 is in substance guaranteeing the right of property. Enjoyment is protected principally against interference by the state. Interference may be in the forms specifally referred to in Article 1 of the First Protocol – deprivation or control of use – but it is a wider category. **So in Sporrong and Lonnroth v Sweden, where there was a long delay between an initial decision indicating that property was likely to be expropriated and its execution, the Court held that there had been an interference with the applicants' right to the enjoyment of their possession even though the interference was neither a seizure nor a measure of control"***[4] (enfazi mizjuda. Ara wkoll sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **P. Cachia vs Avukat Generali et** tat-28 ta' Dicembru 2001).

F'kazijiet simili wkoll irid ikun hemm bilanc gust bejn l-interess tal-individwu u l-interess generali[5]. Bilanc li fil-fehma tal-qorti ma jistax jinghad li nzamm meta tikkunsidra li kien biss iktar minn erbghin (40) sena wara l-espropriju li l-Gvern ha d-decizjoni li l-art, markata bhala 4D fuq il-pjanta a fol. 83, m'ghandux bzonnha u hassar l-ordni ta' esproprijazzjoni. L-intimat ma tax prova ta' x'seta' kien l-interess generali li l-art tibqa' milquta minn ordni ta' espropriju ghal iktar minn 40 sena minghajr ma jsir xejn. Margaret Falzon xehedet: *"Il-progett kien inizjalment se jsir mis-sezzjoni tal-Works. Kienet se ssir playing field. Jidher li dan rega' bdielu"* (fol. 76). Ma tressqu l-ebda provi dwar x'sar fuq il-progett matul dawn l-erbghin sena. L-intimat ma ta l-ebda prova li dan l-interess baqa' matul dawk is-snin kollha li l-art kienet ghadha milquta mill-ordni ta' espropriju. L-impressjoni li hadet il-qorti kien li ma sar xejn. Kien biss meta r-rikorrenti ppropenew il-proceduri li l-Gvern iccaqlaq u ha decizjoni li jirrilaxxa l-art. Fatt li fih innifsu jikkonferma kemm ma kellux bzonnha. M'ghandux ikun li sid

---

[3] Harris, O'Boyle & Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights* (Tieni Edizzjoni) pagna 666.

[4] Harris, O'Boyle & Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights* (Tieni Edizzjoni) pagna 662.

[5] Fir-rigward tat-tgawdija pacifika tal-proprejta, *"….. the Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1"* (**Sporrong and Lonnroth**).

jigi milqut minn ordni ta' esproprju u l-Gvern jibqa' passiv ghal iktar minn 40 sena shah, qiesu xejn mhu xejn. Dan ma jistax jinghad li hu bilanc gust bejn l-interess generali u l-interess tal-privat. Din is-sitwazzjoni halliet lis-sidien tal-art fi stat ta' incertezza ghall-perjodu estensiv, minghajr ma nghataw l-ebda rimedu mill-awtoritajiet. Fil-kaz **Broniowski vs Poland**, il-Grand Chamber osservat:

*"It should be stressed that uncertainty – be it legislative, administrative or arising from practices applied by the authorities – is a factor to be taken into account in assessing the state's conduct. Indeed, where an issue in the general interest is at stake, it is incumbent on the public authorities to act in good time, in an appropriate and consistent manner"*.

Fic-cirkostanzi l-qorti ssib li kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta taghhom (Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll). Fic-cirkostanzi m'huwiex mehtieg li jsiru xi konsiderazzjonijiet dwar l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-kumpens, il-qorti kkunsidrat li:-

1. Il-Gvern qatt ma ha l-pussess fiziku tal-art in kwistjoni[6]. Lanqas ma jirrizulta li r-rikorrenti jew l-awturi taghhom kienu taw lill-Gvern il-pussess materjali tal-art;
2. L-ordni ta' esproprijazzjoni pubblikata f'Awissu 1970 ma cahditx lir-rikorrenti milli jaghmlu uzu mill-art;
3. Hadet lill-Gvern 41 sena biex jiddeciedi x'ghandu jaghmel bl-art;
4. Sa mis-sena 1967, ghal finijiet tal-ligi dwar l-ippjanar, l-art kienet immarkata biex fiha ssir *playing field*. Mis-sena 2006 l-art giet immarkata bhala *public open space* (ara deposizzjoni ta' Frans Mallia, Assistant Direttur tal-MEPA, fol. 74-75).
5. Matul il-perjodu in kwistjoni qatt ma gie offrut xi kumpens mill-Gvern u d-dritt tas-sidien li jiddisponu mill-art gie manifestament imxekkel minhabba l-ordni ta' esproprijazzjoni u kien biss 41 sena wara li thassret l-ordni.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-eccezzjoni dwar in-nullita' tar-rikors.**
2. **Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.**
3. **Tichad l-eccezzjoni li r-rikorrenti naqsu milli jezawrixxu r-rimedji ordinarji.**

[6] Ghal darb'ohra l-qorti taghmilha cara li d-decizjoni titratta dwar b'kejl ta' cirka 285 metri kwadri u murija fil-pjanta a fol. 83 bl-ittra **4D**.

4. **Fil-meritu tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fis-sens li:-**
   i. **Tiddikjara li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta kif protett taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, gie lez.**
   ii. **Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti s-sommma ta' tlettax-il elf ewro (€13,000).**

**Spejjez a karigu tal-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------